**Santa Luċija**

**Minuti**

**Disà Leġislatura**

**Laqgħa Numru 19/2025**
**28 ta' Lulju 2025**

**Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-5:15p.m.**

PREŻENTI:
Charmaine St John – Sindku
Frederick Cutajar – Viċi Sindku
Kylie D'Amato – Kunsillier
Liam Sciberras – Kunsillier
Connie Debattista – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
NIL

ASSENTI
NIL

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Bernice Darmanin – Segretarju Eżekuttiv

MINUTI:

19.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija
NIL

19.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 15 - 19

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 15 sa 18 kif ukoll il-minuti tal-Laqgħa Annwali ġew iċċirkulati u moqrija qabel is-seduta.

Il-Minuti 15 ġew approvati mill-Kunsilliera D'Amato u ssekondati mill-Kunsilliera Debattista.

Il-Minuti 16 ġew approvati mill-Kunsillier Sciberras u ssekondati mill-Viċi Sindku.

Il-Minuti 17 ġew approvati mill-Kunsilliera D'Amato u ssekondati mill-Kunsillier Sciberras.

Il-Kunsillier Sciberras talab li tiżdied il-frażi 'qabel il-laqgħa li jmiss' fil-5 paragrafu, l-aħħar sentenza mill-Minuti 18. Il-Minuti 18 ġew approvati bl-emenda b'mod unanimu.

Il-Minuti tal-Laqgħa Annwali ġew approvati mill-Kunsillier Sciberras u ssekondati mill-Viċi Sindku.

19.3 Performance Appraisal tal-istaff

Il-Kunsill flimkien mas-SE iddiskutew il-Performance Appraisal tal-istaff u ġie approvat li jiġu mgħottija 9% kull wieħed.

19.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

19.4.1 Is-Sindku ppreżentat l-**Istatisika** tal-laqgħat għax-xahar ta' Lulju 2025 (Annex 1). Il-Kunsillier Sciberras spjega li ħabba ċirkostanzi familjari u x-xogħol tiegħu ma jkunx jista jattendi għall-laqgħat li jiġu organizzati imma meta jkun jista' jagħmel mezz li jattendi.

19.4.2 Is-Sindku għaddiet għall-approvazzjoni tal-Kunsilliera l-approvazzjoni tal-Evaluation Report tat-Tender for the Replacement of Playing Equipment at the **Playground in Ġnien Ineż Soler**, Santa Luċija, including Site Clearance, Footpath Works and Installation of New Playing Equipment – T/KLSL/01/2025. Il-Kunsill approva li t-tender jiġi mgħotti lil High Rock Ltd. (Annex 2)

19.4.3 Kif ġie diskuss fil-laqgħa b'Urġenza, is-Sindku qrat l-Objection ta' **PA4614/24** li ġiet mibgħuta minn Dr Claire Bonello (Annex 3). L-Objection ser tiġi mibgħuta lill-Kunsilliera sabiex jgħaddu l-kummenti tagħhhom sas-7 ta' Awwissu sabiex l-avukata tkun tista iddaħħal l-Objection.

19.4.4 Is-Sindku qrat korrispondenza li ġiet mibgħuta mill-**BOV**, fejn infurmaw li ċ-ċekkijiet jridu jibdew jiġu ideppozitjati l-Bank permezz ta' Deposit Card. Din il-card ser tkun f'idejn s-SE. Il-Kunsill approva.

19.4.5 Is-Sindku infurmat li qabel is-seduta ġie mgħoddi r-rapport għall-**impjegata l-ġdida**. Il-Kunsill approva l-impjegata l-ġdida fuq Skala 15 (Annex 4).

19.4.6 Is-Sindku infurmat li l-Housing Authority ma aċċettatx li tħallas l-ispejjeż tar-**railing** ta' Independence Flats, iżda nistgħu ndaħħlu l-ispiża ma tar-rampi u platform lifts. Il-Kunsill talab li jsir railing maż-żewġ naħat u jiġi mitlub l-prezz għall-kuluri oħra u bħala materjali jintuża aluminium. Wara li l-Kunsill ikollha din l-informazzjoni ser tiġi diskussa mal-kunsilliera sabiex tinħareġ l-Works Order. Il-Kunsillier Sciberras fakkar li din it-talba ilha li saret sena u nofs u misshu ilu li sar ir-railing.

19.4.7 Is-Sindku staqsiet minn hu interessat li japplika għall-AKL 2025/044 **Group Life Policy** 2025 - 2026 għal Membri Eletti. Il-Kunsill approva li japplika għall-membri tal-Kunsill minbarra l-Viċi Sindku minħabba l' eta.

Is-Seduta ġiet sospiża għall-ftit minuti.

19.4.8 Is-Sindku infurmat li l-Kunsill irċieva talba għan-No Objection bin-numru tal-permess RWP1-1508/25 sabiex issir il-**bankina** ta' ħdejn Ġnien l-Iskultur, Triq il-Pepprin. Is-Sindku ikonfermat ma Project Green li it-triq ser tibqa 2 way. Il-Kunsill qabel li ma ssirx il-bankina.

19.4.9 Il-Kunsillier Sciberras fakkar sabiex jiġu mibgħuta s-suġġerimenti tar-residenti wara l-Laqgħa Annwali dwar **Ġnien l-Iskultura**. Is-Sindku qalet li kienet ġa bagħtet lil Project Green u ser terġa tibgħatilhom reminder.

19.4.10 Is-Sindku infurmat li l-Kunsill irċieva talba għal No Objection mingħand TM sabiex isir resurfacing ta' sqaq ta' bejn **Dawret it-Torri** li twassal għall-Triq tal-Barrani. Il-Kunsilliera talbu x'tip ta' materjal ser jintuża (idealment isir bħal ma għamlu l-Mqabba) u l'ilma jkun jeqleb għall-ġibja li hemm fil-viċinanzi.

**19.4.11** Is-Sindku talbet għall-approvazzjoni tal-Kunsilliera sabiex mal-**Insurance** tal-Ġnien iċ-Ċiniż jiżdiedu l-bins u l-picnic tables. Il-prezz totali huwa ta' massimu ta' €200. Il-Kunsill approva.

**19.4.12** Is-Sindku qrat il-korrispondenza mibgħuta minn TM (Annex 5) wara li l-Kunsill għamel talba sabiex tiġi shifted z-**Zebra Crossing** li tinsab fi Triq Katarina Vitale iżjed il-fuq. Is-Sindku issuġeriet li ssir hump żgħira f'area li ma joħloqx inkonvenjenza lir-residenti. Il-Kunsillier Sciberras isuġerriexa li jsiru livecams minħabba sewqan eċċessiv u tkun monitored by LESA fi Triq Katarina Vitale u s-Sindku issuġeriet li ssir oħra fi Triq Gardenja. Is-Sindku infurmat ser tiċċekja dwar il-live cams kif ukoll dwar x'hemm bżonn mingħand TM.

**19.4.13** Is-Sindku qrat ilment mibgħut minn resident dwar **RG/00269/25** sabiex il-Kunsill joġġezzjoni għall-regulisation ta' alignment fi Triq Bruka. Il-Kunsilliera qablu li nibgħatu lill-avukata għall-kummenti u suġġerimenti tagħha u l-Kunsill jimxi skond il-kummenti tagħha.

**19.4.14** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand **RefabLightblue** sabiex f'Santa Luċija jiġu installati bins fejn jiġi imbattal żejt tal-kċina użat. Il-Kunsill oġġezzjona, peress li r-residenti jistgħu jinqdew bir-RoadShow Truck mibgħut mill-Wasteserv.

**19.4.15** Is-Sindku irċiviet korrispondenza mingħand il-**Klabb tal-Boċċi** sabiex il-kunsill jikkordina mal-Ħabs ta' Kordin għal xogħol kommunitarju biex jiġi miżbugħ il-ħajt tal-Klabb. Is-Sindku infurmat li minn naħa tagħha ġa għaddiet il-korrispondenza lill-Ministru responsabbli.

**19.4.16** Is-Sindku irreferit għall-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsillier Sciberras dwar il-**One Way ta' Trejqet Garnaw**. Il-Kunsillier Sciberras talab għall-Laqgħa b'Urġenza dwar l-implimentazzjoni tal-One Way iżda ma ġietx approvata mis-Sindku sabiex tiġi diskussa fis-seduta li jmiss, għalhekk l-implementazzjoni ġiet delayed. Is-Sindku qrat ukoll ittra mibgħuta mir-residenti li joqgħodu fi Trejqet Garnaw. Is-Sindku infurmat li bagħtet lill-TM għall-approvazzjoni sabiex tiġi One Way Except for Residents/Farmers. Il-Viċi Sindku irrimarka li mhux qed jaqbel li Trejqet Garnaw tiġi One Way. Il-Kunsillier Sciberras irrimarka li huwa jaqbel li tiġi One Way except for residents, iżda hija diffiċli biex tiġi reinforced. Fl-istess waqt issuġġeriexxa li bħala kunsill jrid jagħmel cameras li trid tiġi monitored by LESA. Il-Kunsillier Sciberras talab li d-DLG torganizza laqgħa bejn il-Kunsill Lokali tal-Gudja u Santa Luċija sabiex tinstab soluzzjoni dwar Trejqet Santu Kristu. Is-Sindku infurmat li allavolja l-Kunsill tal-Gudja ġa infurmaw lill-Kunsill ta' Santa Luċija li mhux ser jaċċettaw li Trejqet Santu Kristu ssir one way xorta ser tagħmel kuntatt mad-DLG sabiex isir din il-laqgħa.

**19.4.17** Is-Sindku qrat ittra ta' resident dwar it-**Traffic Management** ġewwa Santa Luċija. Is-Sindku infurmat li din l-ittra ġiet mgħoddija lill-Ministeru tat-TM u ġiet diskussa wkoll matul il-laqgħa li saret f'Diċembru. Mill-Ministeru infurmaw li qed terġa tiġi studjata. Is-Sindku infurmat li ser tfakkar lill-Ministeru (Annex 5a)

**19.4.18** Is-Sindku infurmat li fl-24 ta' Lulju 2025 saret laqgħa online ma' **TVM** flimkien mas-SE, għall-programm ġdid li ħa jixxandar minn diversi lokalitajiet u ser jiġu organizzati bosta attivitajiet minn naħa tagħhom. Bħala Kunsill mhux ser joħroġ flus u s'issa ġie issuġeriet li l-attivita iisr fid-29 ta' Marzu 2026. Il-Kunsill approva.

**19.4.19** Is-Sindku infurmat li kellha talba mingħand r-residenti li joqgħodu Triq Begonja għal iżjed dawl fit-triq. Is-**Solar Lights** jiswew €1600 mingħajr VAT kull waħda u l-kuntrattur issuġġeriex li jsiru solar sabiex ma jsirux trinek. Il-Kunsill approva li ser jaraw kif ħa jmorru li jsir arblu wieħed quddiem Block 14. Fl-istess waqt is-Sindku infurmat li ser tiġi mibgħuta korrispondenza lill-Kunsilliera sabiex jiġu mibgħuta suġġerimenti ta' fejn jistgħu jitwaħħlu l-fanali li nqalgħu minn Pjazza 7 ta' Lulju.

**19.4.20** Is-Sindku infurmat li qabel is-seduta ġiet mgħoddija korrispondenza lill-Kunsilliera ta' bejn l-AKL u ANSEK dwar ħlasijiet tal-kontijiet tal-**ARMS**. L-AKL għaddew ittra ta' delega sabiex l-Kunsill jagħtu l-approvazzjoni lill-AKL sabiex jkunu jiddiskutu u jiffirmaw MoU li jirrappreżentaw lill-Kunsilli Lokali interessati. Il-Kunsill ma approvax li tiġi iffirmata d-delega lill-AKL qabel mal-Kunsill jiġi provdut kopja tal-MoU (Annex 7).

**19.4.21** Is-Sindku infurmat li qabel is-Seduta ġew provduti l-minuti tal-laqgħa li saret ma **Angelic Voices** dwar il-kunċert tal-ABBA li ħa jsir nhar id-19 ta' Settembru 2025 (Annex 8) u ġew approvati mill-Kunsilliera. Il-Kunsillier Sciberras issuġġerriexa li nitolbu għall-għajnuna finanzjarja mingħand ir-Reġjun Nofsinhar. Il-Kunsill approva li din l-attivita tiġi mħallsa mill-Kunsill kif ukoll li nitolbu l-għajnuna tar-Reġjun.

**19.4.22** Is-Sindku ġiet infurmata li x-xogħolijiet ta' **Triq Kaħwiela** qiegħed f'tender stage minn IM. Is-Sindku ser terġa tagħmel talba lill-IM biex ix-xogħolijiet isiru qabel ma tibda l-iskola.

**19.4.23** Is-Sindku issuġeriet li jiġi organizzat transport (bil-van tal-Kunsill) filgħodu għall-istudenti li joqgħodu Santa Luċija biex iwassalhom il-Park and Ride ta' ħdejn l-Addolorata għall-**Universita**. Il-Kunsill approva u ser jiġi preparat facebook post. Is-Sindku infurmat ukoll li qedha f'kuntatt ma tal-CWSEF sabiex jiġi provdut xufier ieħor bit-tag.

**19.4.24** Is-Sindku infurmat li ser terġa ssir l-**European Week for Waste** Reduction u ser jieħu ħsieba l-Kunsillier Sciberras.

**19.4.25** Is-Sindku ġabret kwotazzjonijiet għat-tindif tal-latrini, fejn il-Cleansing Malta offrew li bl-istess pagament li jieħdu ħsiebha u jkunu manned. Is-Sindku infurmat li bħalissa qed jsir il-knis mill-kuntrattur tal-kunsill kif ukoll mill-**Cleansing Malta**. Il-Cleansing Malta ikkonfermaw li l-pagament jsir wara li jkun sar is-servizz. Is-Sindku ser titlob għall-laqgħa ma Cleansing Malta wara l-5pm jew is-Sibt sabiex jiġu diskussi diversi punti.

**19.4.26** Is-Sindku infurmat li l-Kunsill irċieva invit mingħand **Silk Roads** ġewwa ċ-Ċina għall-konferenza li ser issir Settembru 2025. Għal din il-konferenza ser jitilgħu l-Kunsilliera D'Amato bħala Head of Delegation f'każ li s-Sindku ma tkunx tista tattendi, il-Kunsilllier Sciberras u s-SE. Il-Kunsill approva.

**19.4.27** Referenza tal-korrispondenza li ġiet mibgħuta mill-Kunsillier Sciberras dwar il-parkeġġ fi **Triq il-Ġibjun**, is-Sindku ikkonsultat mal-perita ta' IM fejn infurmata li l-aħjar li jitħallew kif inhuma u mhux bħal ta' Vjal Oleandri. Il-Kunsill qabel li ssir laqgħa mar-residenti sabiex jaraw liema tip ta' linji ta' parkeġġ jixtiequ.

**19.4.28** Wara li s-Sindku għamlet diversi kuntatti ma kuntratturi u entitajiet, is-Sindku infurmat li l-Kunsill irċieva kwotazzjoni waħda mingħand kuntrattur ta' €5,900.00 mingħand AquaTek għat-tindif tal-**ġibja** li tinsab fil-Jogging Track. Is-Sindku infurmat li bħalissa qed tagħmel kuntatt mal-ARMS peress li l-ispiża hija għolja.

**19.4.29** Is-Sindku infurmat li nhar l-20 ta' Novembru 2025 ser tiġi organizzata **Jum it-Tfal** flimkien mal-Ministeru Soċjali. Din il-korrispondenza ġiet diskussa ġa qabel is-seduta u ġiet approvata.

**19.4.30** Is-Sindku infurmat li rċivejna korrispondenza għall-**European Week of Sport** li ser tieħu ħsieba hi u ssuġġerit li taħdimha flimkien ma Alex, mal-iskola kif ukoll idaħħal l-iswimming. Il-Kunsill approva.

**19.4.31** Is-Sindku irċiviet mingħand il-librara sabiex jitneħħew l-pjanti li jinsabu fil-**librerija** għaliex qed tagħmel ħsara l-bini. Is-Sindku infurmat li qed titkellem mal-kuntrattur sabiex jitneħħew mill-aktar fis. Il-Kunsill approva wkoll ix-xiri ta' xkaffar ġdid għall-librerija.

**19.4.32** Il-Kunsilliera Debattista rrimarkat li kien hemm diversi ilmenti mingħand persuni li jattendu s-sessjonijiet ta' **Aqra Miegħi** tal-Ħamis. Is-Sindku infurmat li kien hemm misunderstanding fuq meta kellhom jibdew dawn is-sessjonijiet. Is-Sindku talbet lil Kunsilliera Debattista sabiex tieħu ħsieb ir-riklamar għal dawn is-sessjonijiet. Is-Sindku issuġeriet u ser tieħu ħsieb li jsiru madwar 12-il cushion mill-Active Ageing għat-tfal li jattendu sabiex it-tfal ikollhom fejn ipoġġu. Il-Kunsill approva.

**19.4.33** Is-Sindku qrat korrispondenza li ġiet mibgħuta minn **Project Green** sabiex issir attivita fit-2 ta' Settembru 2025 fi Ġnien l-Iskultura għat-tfal li għandhom l-awtiżmu. Il-Kunsill approva

**19.4.34** Is-Sindku irċiviet talba mingħand resident sabiex fi Triq **Kamelja** jsir parkeġġ tal-muturi minflok tal-karozzi minħabba li qed jostakola ipparkjar ta' vetturi oħra. Il-Kunsill approva.

**19.4.35** Il-Kunsillier Sciberras ippropona li jsiru 2 parkeġġi tal-mutur fi Triq Stefanotis k/m Triq il-Fortizza fuq in-naħa tas-siġar. Il-Kunsill approva.

**19.4.36** Is-Sindku qrat korrispondenzza mibgħuta minn **Chess Buddies Malta,** u s-Sindku infurmat li bagħtitilhom sabiex tiġi organizzata laqgħa għal iżjed informazzjoni.

**19.4.37** Is-Sindku bi pjaċir infurmat li l-**Iskema għall-Attivitajiet Kultura Annwali** 2025/2026 ġiet approvata.

**19.4.38** Rigward il-petizzjoni li saret mir-residenti ta' **Triq Bice Mizzi** u Triq Żnuber, is-Sindku infurmat li l-parkeġġi ma jistgħux jitneħħew qabel ma l-Kunsill jingħata l-approvazzjoni minn Transport Malta.

**19.4.39** Is-Sindku irċiviet talba mingħand ir-residenti ta' **Triq Begonja**, biex it-triq tiġi 2 way. Il-Kunsill approva wara diskussjonijiet mal-esperti.

**19.4.40** Referenza għall-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsilliera Debattista rigward is-sinjali tat-triq ta' quddiem ir-rampi ta' **Triq il-Ġibjun** ser tiġi diskussa mar-residenti. Is-Sindku infurmat li minn naħa tal-Kunsill qed nistennew mingħand TM għall-linja gwida.

**19.4.41** Is-Sindku qrat korrispondenza mibgħuta mill-Kunsillier Sciberras dwar il-laqgħa li ġiet organizzata fi ftit jiem mal-**Kummissarju tat-Tfal**. Is-Sindku offriet lill-Kunsillier Sciberras li jista jorganizza meeting magħha u jekk tkun disponibli tattendi hi wkoll minħabba li huwa limitat fil-ħinijiet. Il-Kunsillier Sciberras informa li ċertu laqgħat ta' importanza jiġu organizzatti qabel minħabba d-disponibilta tagħhom il-Kunsilliera.

**19.4.42** Is-Sindku infurmat li l-Kunsill irċieva talba għall-iżjed kumpens għall-**inċident li** sar nhar 6 ta' Mejju 2025 fi Triq il-Prinjoli/Vjal Oleandri. Il-Kunsill qabel li ma jkunx hemm għotja oħra peress li l-persuna ġa irċieva pagament mingħand l-Insurance f'isem il-Kunsill. (Annex 9)

**19.4.43** Is-Sindku infurmat li d-data għall-appell numru **42/2025** ta' Ġino Ellul huwa għat-18 ta' Settembru 2025 (Annex 10)

**19.4.44** Is-Sindku talbet għall-approvazzjoni tal-Kunsilliera sabiex titwaqqaf il-**website** provduta minn ISB peress li wara sena l-Kunsill għad ma għandux aċċess għaliha u ma jistax jagħmel modifikazzjonijiet fiha. Il-Kunsill approva.

**19.4.45** Is-Sindku infurmat li l-minuti tal-laqgħa li saret ma Santa Luċija FC ġew iċċirkolati qabel is-Seduta, u fl-istess waqt infurmat li s-Sur Kevin Attard irriżenja minn President (Annex 11).

Is-Sindku proponiet **mozzjoni** sabiex jiġu mgħoddija l-Pagamenti minħabba li kważi qabżu t-tlett siegħat. Il-Kunsillier Sciberras issekonda.

Il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Sciberras qablu li qed ikun hemm ħafna komunikazzjoni li hi raġuni għalfejn qed idumu s-seduti. Is-Sindku ikkumentat li l-kommunikazzjoni li jiġu mgħoddija kollha peress li jkunu jridu jiġu diskussi.

**19.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-Pagamenti.**

L-skeda tal-pagamenti 19/25 ġew approvati mill-Kunsillier Sciberras u ssekondati mill-Kunsilliera D'Amato.

**19.8 Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa ntemmet fit-8.15pm u ġie maqbul b'mod unanimu li l-kontinwazzjoni tal-Laqgħa Nru. 19 ser issir nhar is-Sibt 2 ta' Awwissu 2025 fl-10.00am.

Dawn il-minuti ġew ikkonfermati illum, 26 ta' Awwissu 2025.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| ___________________________ | __________________________ |
| Charmaine St John | Bernice Darmanin |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |